## NIFIRĦU . . .

Lill-Wisq Reverendu Professur Patri Serafin Zarb, O.P., O.B.E., S.Th.M., S.S.D., li f'Settembru li għadda, għalaq ħamsin sena fl-Ordni Dumnikan. Matul dan in-nofs seklu l-Professur Zarb li llum hu Provinċjal tad-Dumnikani f'Malta, ħadem bil-ħeġġa u bil-ħila fil-qasam tal-Knisja u wkoll f'dak tal-kultura. Hu wieħed mill-Akkademiċi l-aktar anzjani tagħna u bosta drabi stħaqqlu ġieh u tifħir għall-ħidma siewja tiegħu. F'dan il-Għadd qegħdin nippubblikaw ittra li l-Ġeneral tal-Ordni Dumnikan bagħat lill-Professur Zarb. Dik l-ittra tfisser wkoll is-sentiment tal-ħbieb u ta' dawk li jafu lill-Professur Zarb.

* * *

Lis-Sur Salv. Gatt li laħaq l-ogħla post fid-Dipartiment tat-Tagħlim u sar Direttur tal-Edukazzjoni ta' Malta. Is-Sur Gatt li hu wkoll Akkademiku anzjan, laħaq f'dan il-post ta' ġieh u responsabiltà bil-ħila tiegħu u għall-merti li akkwista kemm ilu fid-Dipartiment. Aħna li ilna nafuh mill-1928 meta kien Londra jistudja għal surmast, nafu kemm hu raġel sewwa. Il-għaqal u l-irġulija tiegħu huma magħrufin mhux biss mill-Impjegati tad-Dipartiment, imma wkoll minn eluf ta' ġenituri li kienu fl-iskejjel fi żmienu jew li għandhom 'l uliedhom fl-iskejjel issa. Minkejja x-xogħol tiegħu s-Sur Gatt baqa' dejjem jinteressa ruħu fil-Malti u f'dan il-Għadd issibu reċensjoni fuq l-aħħar ktieb li ħareġ: *"Storja Ta' Ruħ"*.

* * *

Lis-Sur Ġużè Cardona, B.A. (Hons.), li ngħatatlu borża ta' studju biex ikompli l-istudji tiegħu fl-Università ta' Cambridge, waħda mill-aqwa Universitajiet tad-dinja. Is-Sur Cardona, Akkademiku mill-aktar attivi, illum ħa isem bħala żagħżugħ imħeġġeġ għall-Malti u ssibu mdaħħal f'kull tqanqila u f'kull ħidma għall-ġieh tal-ilsien tagħna. Hu kontinwament jikteb u jħabrek biex jara lill-Malti miexi 'l quddiem u nittamaw li fis-sentejn li sa jdum f'Cambridge hu jisfa ta' ġid billi jgħarraf u jfisser lill-barranin il-ħtieġa u s-siwi tal-ilsien Malti. F'dan il-Għadd issibu poeżija ta' Ġużè Cardona.



## ĦNIENA

Kont fil-misraħ tal-Palazz,
b'siġar imdawwar, iżejnuh;
Tħaxwex żiffa, ħelwa, ħelwa,
weraq twaqqa', fl-ajru ttajjar,
li ma' rasi qed idur
qisi lili ġie jżur,
ħa jtaffili xi dulur.

9/2/67

***

## WAĦDI

Jaqtgħek il-ħoss
li jidwi fis-skiet
ta' dar vojta,
bla nies.
Hekk f'moħħi fieragħ
Ifaqqgħu l-bombi
tax-xewqa faħxija
tal-għira għal ħija,
tal-ġibda għad-dnub.

10/2/67

***

## DAŻ-ŻMIEN

Ħriġtni minnek:
Qridtni waqt li żrajtni;
Meta ħrabtlek
Ħrattni.
Żina u mewt, ħajtek.

Kont raġel,
mara sirt;
U mara f'raġel
tinbidel ridt;
f'John Hopkins Hospital
dan int għamilt.

'Ma ħajja ġdida
ma tistgħux tagħtu
għax ħawlin sirtu
bi bluhatkom.

Għajb, dari, għalih
Minn ħajja ma jnissilx;
Ġieh nagħtu llum
Lil min ħlief mewt ma jġibx!

***

11/2/67